MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1929/2005

**Avviz numru 1929/2005VGD**

DHL International Limited

Vs

Muscat Motors Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih peress illi s-socjeta' attrici kienet ipprestat servizz ta' garr internazzjonali fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, liema servizz inghata, u peress li baqa ammont ta' seba mija, tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm748.78) dovut mis-socjeta' konvenuta li ghadu ma thallasx, u peress illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata biex thallas u baqghet inadempjenti, ghaldaqstant l-esponenti titlob illi s-

socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ seba mija, tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm748.78) bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta’ konvenuta u bl-imghax, u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talba attrici m’ghandhiex tintlaqa’ peress illi fir-rigward ta’ whud mill-fatturi t-talba hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u fir-rigward tal-kumplament peress illi dawn thallsu kollha meta inghata s-servizz.

Sema x-xhieda ta’ Gilbert Grima prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda ta’ Robert Buhagiar prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda ta’ Maurizio Micallef prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti, u ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhud lil-Gilbert Grima, li xehed illi l-ammont mitlub minghand is-socjeta’ konvenuta jirrigwarda *shipments* ta’ oggetti kemm li gew trasportati minn Malta ghal barra, kif ukoll importati lejn Malta.

Ix-xhud Robert Buhagiar, prodott mis-socjeta’ attrici, ezebixxa sensiela ta’ ‘invoices’ flimkien ma dokumenti ohra konnessi ma kull ‘invoice’, kif ukoll ‘statement’ li juri l-ammonti kollha dovuti.

L-istess xhud xehed illi l-ammont li fil-fatt huwa dovut minghand is-socjeta’ konvenuta huwa dak li jidher fuq l-istatement, u cioe l-ammont ta’ seba mija u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm741.70), u mhux l-ammont mitlub fl-Avviz.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi illi dawk l-‘invoices’ li jidru fuq l-istatement u li jiirrisalu ghas-snin 1996 u 1997 huma fil-fatt preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u li l-qbija tal-invoices lii jidru fuq l-istatement huma lkoll imhallsa minnha.  Fil-fatt jidher fuq l-istatment esebit mis-socjeta’ attrici stess, illi l-ewwel sitt ‘invoices’ jirrigwardaw is-snin 1996 u 1997, filwaqt li l-qbija tal-invoices jirrigwardaw is-sena 2005.

Illi l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 jiddisponi hekk kif gej:- *‘L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.’*

Illi ma hemmx dubbju li fir-rigward tal-invoices kollha ghas-snin 1996 u 1997 ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-ammont sar dovut sa meta gie pprezentat xi att gudizzjarju li seta’ jinterrompi l-preskrizzjoni, u l-uniku att gudizzjarju li gie pprezentat jidher li huwa l-Avviz tal-kawza odjerna li gie pprezentat fit-30 ta’ Novembru tas-sena 2005.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi milqugha ghal dawk il-partiti kollha lil jirrisalu ghal perjodu bejn il-1996 u 1997.

Illi mbaghad, fir-rigward tal-partiti l-ohra li jirrigwardaw is-sena 2005, is-socjeta’ konvenuta pproduciet ix-xhud Maurizio Micallef li xehed illi dawn l-‘invoices kollha gew imhallsa mis-socjeta’ konvenuta.  Fil-fatt ix-xhud

ipprezenta l-ircevuti mahruga mis-socjeta' attrici, ghall-ammonti kollha kif indikati fl-invoices li jidru fl-istatment, hlief ghall-invoice wiehed ghall-ammont ta' Lm40.71. L-istess xhud ikkonferma illi mill-verifiki li huwa ghamel, is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal jirrileva li x-xhieda ta' Maurizio Muscat ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjeta' attrici, u lanqas ma gew kkontestati l-ircevuti li gew esebiti minnu. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh fuq dawn il-provi dokumentarji, li fl-ahhar mill-ahhar huma l-ahjar prova li setghet ingabet fic-cirkostanzi.

Illi fir-rigward ta' invoice wahda ghall-ammont ta' Lm40.71, li ghaliha ma ngabet l-ebda prova li din thallset, filwaqt illi s-socjeta' attrici tikkontendii li dan l-ammont ghadu dovut, is-socjeta' konvenuta alavolja tikkontendi li dan l-ammont mhuwiex dovut, ma gabet l-ebda prova f'dan is-sens, kif ghamlet fir-rigwarad ta' l-invoices l-ohra, u lanqas ma tat xi spjegazzjoni valida ghaliex skond hi dan l-ammont mhuwiex dovut. Ghalhekk it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata thallas dan l-ammont.

Ghaldaqstant, fl-ewwel lok dan it-Tribunal qed tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-partiti kollha li jirrigwardaw is-snin 1996 u 1997.

Fit-tieni lok, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fuq il-mertu fir-rigward tal-partiti l-ohra kollha, hlief ghall-ammont ta' Lm40.71 li huwa dovut mis-socjeta' konvenuta, u konsegwentement jilqa limitatament it-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba u disghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€94.83), ekwivalenti ghal Lm40.71, flimkien ma l-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont mid-data tal-Avviz.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-partijiet skond ir-rispettivi rebh u telf, u cioe kwantu ghal wiehed minn dsatax (1/19) il-parti mis-socjeta' konvenuta

u kwantu ghal tmintax minn dsatax (18/19) il-parti mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------